MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 392/2001/1

**Anna CASSAR u b'Degriet tat-12 ta' Jannar, 1996, l-atti ġew trasfużi f'isem Ivan Bartolo stante l-mewt tal-istess Anna Cassar li mietet fil-mori tal-kawża**

vs

Lawrence ATTARD għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' L & D Attard Company Limited u l-Baruni Igino Trapani Galea Feriol għall-interess li jista' jkollu u b'Degriet tat-3 ta' Lulju, 1995, Joseph u Josephine konjuġi Abela ġew kjamati in kawża

Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-9 ta' Marzu, 2001, li bih l-atturi ritrattandi L&D Attard Company Limited u Trapani Galea Feriol ippremettew:

Illi fl-atti ta' din il-kawża l-atturi ritrattati kienu premettew li huma jiddetjenu bi qbiela l-għalqa bir-razzett magħha

magħrufa bħala Ta' Ċirku limiti ta' M'scala u li reċentement ħaddiema nkariġati mill-konvenut Lawrence Attard nomine wara xi ftehim li għamel mal-konvenut il-Baruni Igino Trapani Galea Feriol mingħajr il-kunsens tal-attriċi daħlu fl-istess għalqa bil-ġaffa u qalgħu uċuħ imħawwla u bdew xogħol ta' tħammil fuq l-istess sit u l-attriċi otteniet il-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1280/95 kontra l-konvenuti biex ma jibqghux jagħmlu dan ix-xogħol u talbet li l-ewwel jiġi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom invada l-art imqabbla lill-attriċi u għamlu xogħol fuq imsemmi u għalhekk ikkommettew spoll vjolenti u abużiv fuq id-drittijiet ta' pussess tagħha, t-tieni li tordnalhom jew min minnhom biex jirrpristinaw, taħt is-supervizjoni ta' periti nominandi l-art għal kif kienet qabel saret l-invazjoni u x-xogħol imsemmi fi żmien perentorju minnha iffissat u t-tielet li tawtorizza lill-attriċi biex f'każ ma jagħmlux dan fi żmien prefiss tagħmel ix-xogħol ripristinarju hija stess a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom;

Illi l-konvenuti ritrattanti eċċipew li fl-ewwel lok li l-attriċi trid tindika li għandha titolu ta' kera fuq ir-razzett, it-tieni li ħadd mill-konvenuti ma waqqa' l-post, it-tielet li s-soċjeta' konvenuta ma kienetx proprjetarja tal-art, ir-raba' li l-konvenut Igino Trapani Galea Feriol ma kienx proprjetarju uniku u għalhekk iridu jiġu kjamati fil-kawża l-aħwa l-oħra u l-konvenuti kjamati fil-kawża baqgħu kontumaċi;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Diċembru 2000 l-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi u ddeċidiet li l-ewwel tiddikjara li l-konvenuti invadew l-art imqabbla lill-attriċi u għalhekk kkommettew spoll vjolenti u abużiv fuq id-drittijiet ta' pussess tagħha, t-tieni li ordnat li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża jirripristinaw l-art għal kif kienet qabel saret l-invazjoni u dan kif indikat fil-paragrafu numru disgħa (9) tar-relazzjoni peritali u ċioe' li l-kjamati fil-kawża għandhom iħottu kull ma bnew u jneħħu d-debris riżultanti kwantu għall-kjamati fil-kawża fi żmien xahar u l-konvenuti l-oħra jagħmlu l-għalqa bil-ħamrija, jirrikostruwixxu r-razzett u l-ħitan tad-dawra tond fi żmien għaxar xhur, mhux inkluz f'dawn il-perijodi ż-żmien neċessarju biex

jingabu l-permessi neċeessarji mill-awtorita' kompetenti u dan kollu taħt is-supervizjoni tal-AIC Renato Laferla li qed jiġi nominat għal dan l-iskop u t-tielet li tawtorizza lill-attur biex, f'każ li ma jsirx dak ordnat fiż-żmien stabilit jagħmel x-xogħol kollu hu a spejjeż tal-konvenuti u l-kjamati fil-kawża rispettivament, bl-ispejjeż li jitħallsu terz mill-konvenut Lawrence Attard nomine, terz mill-konvenut Igino Trapani Galea Feriol u terz mill-kjamati fil-kawża u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur;

Illi l-esponenti ħassew li dan il-ġudizzju jmur kontra d-dettami tal-liġi u ai termini tal-artikolu 811 tal-Kapitolu tnax tal-Liġijiet ta' Malta huma qed jressqu is-segwenti talba ta' ritrattazzjoni abbazi tas-segwenti u ċioe: **a.** ai termini tal-artikolu 811 sub-artikolu 'e' u dan kwantu li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika d-dettami tal-artikolu 562 tal-Kapitolu Tnax (12) fejn huwa impost li l-parti li tagħmel il-kawża trid tipprova l-każ tagħha hija u ma hemmx l-inverzjoni tal-prova fil-kawżi odjerni ta' spoll; **b.** ai termini tal-artikolu 811 sub-artikolu 1 u dan billi manifestament jidher ċar li l-Qorti bbażat ruħha mhux fuq xi forma ta prova diretta jew indiretta iżda fuq is-suspett billi ma kien hemm ebda prova kontra l-esponenti u għalhekk induċiet lilha innifisha fi żball ċar u manifest;

Għalhekk jgħid l-attur ritrattat għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara ai termini tal-artikolu 817 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta li hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2000 fl-ismijiet premessi u dan abbazi tal-artikolu 811 sub-artikli (e) u (L) tal-istess kapitolu u konsegwentment li;

2. Tiddikjara nulla u mingħajr effett dik l-istess sentenza.

Bl-ispejjeż;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-istess atturi ritrattandi;

Rat in-Nota mressqa fil-25 t'April, 2001, li biha l-imsejħin fil-kawża miżżewġin Abela eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti ma joppoux għat-talbiet tal-konvenuti ritrattanti għar-ritrattazzjoni u jikkondividu l-istess talbiet pero' stante illi l-istess eċċipjenti ġew intromessi f'din il- proċedura evidentement għall-finijiet tal-integrita' tal-ġudizzju, l-istess eċċipjenti m'għandhom ibatu ebda spejjeż ta' din il-proċedura;

2. Illi fil-mertu t-talbiet oriġinali tal-attriċi ritrattata in kwantu diretti fil-konfront tal-eċċipjenti odjerni kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma kienux jimmeritaw illi jiġu akkolti stante illi l-istess eċċipjenti ma kkommettew ebda spoll għad-dannu tal-attriċi ritrattata;

3. B'rizerva għal kull dritt u azzjoni illi l-eċċipjenti odjerni jista' jkollhom fil-konfront tal-konvenuti ritrattanti;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsejħin fil-kawża;

Rat in-Nota mressqa fil-25 t'April, 2001, li biha l-imħarrek ritrattat Bartolo eċċepixxa:

1. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-attur ossia Lawrence Attard u l-Baruni Trapani Galea Feriol fiċ-ċitazzjoni tagħhom ma talbux li l-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid;

2. Iċ-ċitazzjoni hija ukoll nulla għaliex l-okkju hu invertit u Lawrence Attard u l-Baruni Trapani Galea Feriol huma indikati bħala konvenuti meta ipproponew il-kawża odjerna huma;

3. Illi oltre dan jidher li l-ġudizzju ma hux integru għaliex il-kjamati fil-kawża ma ġewx ċitati;

4. Illi f'kull każ il-kawżali ma jagħutx lok għal ritrattazzjoni skond il-liġi iżda huma pjuttost aggravji ta' appell. Ritrattazzjoni m'għandhiex isservi biex wieħed itawwal il-proċeduri wara li naqas li jappella;

Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli;

Rat in-Nota ta' Ossevazzjonijiet imressqa fil-25 t'Ottubru, 2001[1], mill-imħarrek ritrattat dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa fil-25 ta' Jannar, 2002[2], mill-atturi ritrattandi dwar l-istess eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-26 ta' Frar, 2002, tat-30 ta' Mejju, 2002, tas-17 t'Ottubru, 2002, tal-20 ta' Frar, 2003, tas-6 ta' Marzu, 2003, tal-20 ta' Marzu, 2003, u tat-3 ta' Lulju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat Ivan Attard dwar li l-azzjoni tal-atturi ritrattandi ma tiswiex;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni li biha qegħda tintalab li kawża maqtugħa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) terġa' tinstama' mill-ġdid. L-atturi f'din il-kawża, il-kumpannija L & D Attard Company Limited flimkien mal-Baruni Igino Trapani Galea Feriol, qegħdin iqisu sentenza mogħtija favur Ivan Bartolo fil-ħdax (11) ta' Diċembru, 2000, bħala waħda ma tiswiex għaliex fiha ġiet applikata l-

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġġ. 24-6 tal-proċess

liġi ħażin[3], u wkoll billi s-sentenza kienet milquta minn żball li jidher mill-atti tal-kawża[4];

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek ritrattat Ivan Bartolo laqa' billi qal li l-azzjoni tal-atturi ritrattandi ma tiswiex għaliex ma saritx talba biex il-kawża tinstama' mill-ġdid, u wkoll għaliex l-"okkju" tal-kawża huwa maqlub; tenna li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ u li, fil-mertu, l-kawżali mqanqlin mill-atturi ritrattandi ma jagħtux lok għal smigħ mill-ġdid tal-kawża, imma huma aggravji ta' appell;

Illi l-imsejħin fil-kawża Joseph u Josephine Abela laqgħu billi qalu li jaqblu mal-azzjoni għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża, imma tennew li huma qatt ma wettqu spoll u lanqas kellhom iħallsu spejjeż, billi ddaħħlu fil-kawża biss sabiex il-ġudizzju jkun sħiħ;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat Ivan Bartolo, li qiegħed jgħid li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex ma saritx talba biex il-kawża tinstama' mill-ġdid u għaliex l-"okkju" tal-kawża kif jidher fl-atti m'huwiex sewwa għaliex maqlub;

Illi, fin-Nota tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-atturi ritrattandi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li s-sentenza mogħtija fil-11 ta' Diċembru, 2000, hija nulla u mingħajr effett. Hu jgħid li talba bħal din m'hijiex ammissibbli fis-sistema ġuridiku tagħna, u li ċertament m'hijiex talba li jmissha ssir f'azzjoni ta' ritrattazzjoni;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi ritrattandi jisħqu li l-ewwel u t-tieni talbiet jintgħarfu minn xulxin, u filwaqt li l-ewwel talba hija dik ta' "sempliċi" ritrattazzjoni, t-tieni hija dik li titlob it-tħassir tas-sentenza li dwarha jirriżultaw in-nuqqasijiet minnhom ilmentati. Iż-żewġ talbiet ma jxejnux lil xulxin, u għalhekk m'hemm l-ebda nullita'. Huma jtennu li l-azzjoni tagħhom hija mistħoqqa, u jagħmlu riferenza għar-rimedju tar-*restitutio in integrum* u l-għejjun tagħha bħala s-sies li fuqha tistrieħ l-azzjoni tagħhom;

---

[3] Art. 811(e) tal-Kap 12
[4] Art. 811(l) tal-Kap 12

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni preżenti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Dan joħroġ kemm mill-mod kif inhu mfassal l-Att taċ-Ċitazzjoni u kif ukoll mill-artikoli tal-liġi li bis-saħħa tagħhom l-atturi jippretendu li għandha ssir "ir-ritrattazzjoni tas-sentenza". Hawnhekk ma jistax ma jiġix osservat li fis-sistema proċedurali Malti ma teżistix ritrattazzjoni ta' sentenza, imma biss smigħ mill-ġdid ta' kawża li tagħha sentenza tkun saret ġudikat. M'għandux jintesa li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret ġudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza għandha tkun l-aħħar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-saħħa tagħha titqies bħala s-sewwa magħruf (*pro veritate habetur*). Kif ingħad[5], l-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u mingħajr limiti, l-parti telliefa terġa' tqajjem il-kwestjoni u tiftaħha. Huwa għalhekk li l-leġislatur ried li jagħti espressament, b'mod tassativ u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tiġi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret ġudikat. B'dan il-mod, jekk għal każ partikolari ma japplikawx ir-rimedji eċċezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li għaddiet in ġudikat[6]. Minbarra dan, ilu żmien twil stabilit il-prinċipju li s-saħħa tar-rabta ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imċaħħda milli tiddefendi lilha nnifisha, għall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma ħaditx dawk il-passi biex tiżgura difiża xierqa[7];

Illi l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment[8] sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi[9] (imsejħa teknikament *in rescindente*); u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid

[5] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[6] App. Inf. **31.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Farruġia vs John Mifsud et*** (mhix pubblikata)
[7] Kumm. **31.3.1894** fil-kawża fl-ismijiet ***Zonda vs Parthenis*** (Kollez. Vol: **XIV.i.219**)
[8] App. Ċiv. **5.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Żammit et***
[9] App. Ċiv. **7.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)

(imsejħa teknikament *in rescissorio*). Fi kliem ieħor, l-oġġett tal-ewwel fażi hu li tiġi annullata s-sentenza bejn il-partijiet u dan fuq talba speċifika f'dan is-sens[10]. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola, tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir[11];

Illi, b'żieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa[12]. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil tal-parti ritrattata, bħal f'dan il-każ;

Illi issa li saru l-kjarifiki rilevanti għall-istitut tar-ritrattazzjoni, l-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis dik il-parti tal-eċċezzjoni fejn qiegħed jingħad li l-att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex għaliex l-"okkju" huwa maqlub. Fis-sewwa, irid jingħad li l-imħarrek ritrattat jistqarr li dwar eċċezzjoni bħal din jeżistu deċiżjonijiet konfliġġenti. Id-diffikulta' tinħoloq minħabba l-fatt li, fil-każ ta' ritrattazzjoni, il-parti li titlob is-smigħ mill-ġdid tal-kawża tista' tkun il-parti li kienet imħarrka f'dik l-ewwel kawża. Billi s-smigħ mill-ġdid jirreferi għall-ewwel kawża, hemm il-fehma li l-"okkju" jitħalla l-istess[13]. Meta wieħed iqis li fil-każ ta' smigħ mill-ġdid minn sentenza ta' qorti tal-ewwel grad li minnha ma jkunx sar appell (bħal fil-każ preżenti), ir-ritrattazzjoni ssir bil-mezz taċ-Ċitazzjoni, tinħoloq id-diffikulta' li l-"okkju" tabilfors irid jinqaleb biex ikun jaqbel mal-formola taċ-Ċitazzjoni;

Illi jekk l-"okkju" maqlub iġibx in-nullita' taċ-Ċitazzjoni f'każ bħal dan jiddependi ħafna minn dak li jipprovdi l-artikolu 789 tal-Kap 12, u jiġifieri dwar jekk nullita' ta' att

---

[10] App. Ċiv. **19.2.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.90**)
[11] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)
[12] Ara, per eżempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Ċiantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)
[13] Ara App. Ċiv. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauċi et*** (Kollez.Vol: **LXXXI.ii.188**)

ġudizzjarju imnissla minn ksur ta’ xi forma meħtieġa[14] tistax b’xi mod li jkun jissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, u jekk tali nuqqas ikunx ġab fuq il-parti li titlob in-nullita’ preġudizzju li ma jkunx jista’ jissewwa jekk mhux billi l-att jiġi mħassar;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fiż-żewġ każi, każ ta’ qlib tal-“okkju” bħal dan ma jwassalx għat-tħassir tal-att. L-artikolu 175 tal-Kap 12 jagħti lill-Qorti setgħa li nuqqas bħal dan jiġi msewwi bla xkiel għall-mixi ‘l quddiem tal-proċess. F’dan il-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Bartolo ma seħħlux juri li bil-mod kif tressaq l-att taċ-Ċitazzjoni huwa ġarrab xi preġudizzju mqar ċkejken li jxekklu milli jiddefendi l-kawża, aħseb u ara li seħħ xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-atti;

Illi t-tieni fergħa tal-eċċezzjoni taħt eżami fiha ħafna x’wieħed jgħid u ippreżentat lill-Qorti okkażjoni ta’ ħsieb fit-tul. L-imħarrek ritrattat jgħid li l-azzjoni attriċi hija nulla għaliex l-atturi ritrattandi “ma talbux li l-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid”. Fi kliem ieħor, huwa jgħid li m’hijiex qegħda ssir talba speċifika biex din il-Qorti tgħaddi biex terġa’ tisma’ l-kawża;

Illi meta wieħed iħares lejn l-att taċ-Ċitazzjoni jsib li saru żewġ talbiet: (a) l-ewwel talba hija dik biex il-Qorti tiddikjara li hemm lok għar-ritrattazzjoni; u (b) t-tieni talba hija dik biex tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza mogħtija fil-11 ta’ Diċembru, 2000. L-imħarrek ritrattat Bartolo jgħid li l-ewwel talba hija biss waħda dikjaratorja fis-sens li jeżistu l-elementi biex il-kawża tista’ tinstama’ mill-ġdid, imma m’hijiex talba speċifika għal smigħ mill-ġdid;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li t-tfassila tat-talbiet fl-Att taċ-Ċitazzjoni li għandha quddiemha llum setgħet saret b’mod iżjed sistematiku, billi, bħalma huwa meħtieġ mil-liġi, l-ewwel talba tkun dik li titlob it-tħassir tas-sentenza. Kif

[14] Art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12

ingħad f'diversi kawżi, fejn m'hemmx talba għat-tħassir tas-sentenza, ma jistax ikun hemm smigħ mill-ġdid tal-kawża[15]. F'każijiet ta' smigħ mill-ġdid, it-talba għat-tħassir tas-sentenza impunjata hija assolutament meħtieġa, u għalhekk, att ġudizzjarju li bih jintalab is-smigħ mill-ġdid ta' kawża bla ma jkun fih talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata ikun att li ma jiswiex[16], għaliex ikun att li jelimina l-ewwel fażi tal-proċedura tar-ritrattazzjoni (jiġifieri dak imsejjaħ *in rescindente*)[17];

Illi ladarba ż-żewġ talbiet isiru, m'huwiex daqstant kruċjali jekk isirux f'żewġ talbiet separati jew f'talba waħda, imbasta jkunu identifikabbli[18];

Illi, f'dan il-każ, l-imħarrek m'huwiex jilmenta li ma saritx talba biex titħassar is-sentenza (għalkemm, fil-fatt, it-talba li saret ma titlobx it-tħassir tas-sentenza, imma biss li s-sentenza tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett), imma qiegħed jilmenta li l-ewwel talba (li kronoloġikament postha huwa wara t-talba għat-tħassir tas-sentenza) hija waħda li **tiddikjara biss** li jeżistu raġunijiet biex il-kawża tista' tinstama' mill-ġdid, u mhux talba **biex** il-Qorti tisma' l-kawża mill-ġdid;

Illi hawn ukoll il-Qorti jkollha tgħid li t-tfassila tal-ewwel talba setgħet kienet iktar preċiża. Minbarra dan, l-ewwel talba tagħmel riferenza għal artikolu tal-liġi (l-artikolu 817) li ilu li tneħħa mill-Kodiċi sa mill-1995. Bl-akbar rispett lejn is-sottomissjonijiet magħmulin mill-atturi ritrattandi dwar il-ġeneralita' tar-rimedju inkorporat f'dik l-ewwel talba, din il-Qorti ma tistax taċċetta li twieżen lill-azzjoni attriċi fil-parametri tar-*restitutio in integrum*. Huwa llum il-ġurnata stabilit li r-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum* ma baqax iżjed applikabbli għas-sistema ġudizzjarju Malti sewwasew minn meta l-leġislatur daħħal ir-rimedju tas-smigħ mill-ġdid fil-Kodiċi Proċedurali tagħna[19]. Jidher għalhekk li s-siwi tal-ewwel talba jrid jitqies minn aspetti oħrajn;

---

[15] App. Ċiv. **11.12.2002 fil**-kawża fl-ismijiet ***Gaetano Fenech vs Maria Pisani***
[16] App. Ċiv. **4.6.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvu Spiteri vs Onor.PrimMinistru*** (mhix pubblikata)
[17] Kumm. **11.10.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiappara vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXIX.iii.894**)
[18] App. Ċiv. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauċi et*** (a fol. 193)
[19] App. Ċiv. **19.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvina Buġeja vs Paola Azzopoardi et***

Illi l-qofol tas-soluzzjoni dwar jekk l-ewwel talba tistax titqies bħala talba sempliċement dikjaratorja jew hijiex talba għas-smigħ mill-ġdid joħroġ mill-finalita' tat-talba kif formulata. Il-Qorti qieset li biex tikkunsidra jekk hemmx lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża, trid bilfors tisma' r-raġunijiet. Issa s-smigħ waħdu tar-raġunijiet li għalihom il-kawża tista' terġa' tinstama' jintrabat biss mal-ewwel fażi tal-proċess tar-ritrattazzjoni. Is-smigħ ta' dawk ir-raġunijiet huwa marbut mal-fażi li jwassal għat-tħassir tas-sentenza, jiġifieri mal-ewwel fażi (*in rescindente*). Biex jingħata eżempju, jekk jiġi allegat li r-ritrattand ma kien ġie notifikat qatt bl-atti tal-kawża, l-istħarriġ jekk dan huwiex minnu (jiġifieri jekk hemmx raġuni biex isir is-smigħ mill-ġdid skond l-artikolu 811(b) tal-Kap 12) jinteressa biss il-fażi *in rescindente* u ma jkun tal-ebda utilita' oħra għat-tieni fażi tas-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*). L-istess ħaġa tingħad f'dan il-każ: jekk il-Qorti sejra twettaq l-ewwel talba, dan ser tagħmlu biex tara jekk hemmx raġuni biex tilqa' t-tieni talba u tħassar is-sentenza mogħtija fil-11 ta'Diċembru, 2000. Fi kliem ieħor, jidher li l-ewwel talba attriċi hija biss fergħa mit-talba meħtieġa biex titħassar is-sentenza attakkata;

Illi, jekk dan huwa minnu, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda talba oħra xi tqis. Kemm hu hekk, l-atturi ritrattandi rabtu din l-ewwel talba mat-tieni billi wżaw il-kelma "konsegwentement". Jekk il-Qorti tqis iżjed, tkun naqset hi stess kontra r-regola tal-*ultra petita*;

Illi fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' Ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[20], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[21]. Fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-imħarrek ritrattat huwa n-nuqqas ta' talba li hu jqis li kienet meħtieġa biex l-atturi ritrattandi jistgħu jiksbu r-rimedju ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża;

[20] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[21] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

**Illi f'dan is-sens ingħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-Ċitazzjoni fil-forma ta' talba[22];**

Illi l-Qorti, wara li ħasbet ħafna fuq dan l-aspett, qegħda tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi kif formulata hija monka, u ma tistax tinġabar lanqas bl-applikazzjoni l-aktar ġeneruża tar-regoli tan-nullita' tal-atti. Meta l-Qorti tara l-premessi rilevanti, ssib li dawn ukoll isemmu raġunijiet marbutin mal-ewwel fażi tar-ritrattazzjoni imma mhux ma' talba biex il-kawża tinstama' mill-ġdid. Jidher li l-interess li jispikka fl-atturi ritrattandi huwa dak li jxejnu l-effetti tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru, 2000, tinstama' jew ma tinstamax mill-ġdid il-kawża;

**Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal biex tifhem li dak li wassal lill-imħarrek biex jisħaq fuq in-nullita' tal-att għandu mis-sewwa, u jiġifieri li kulma jridu r-ritrattandi huwa t-tħassir tas-sentenza, ħaġa li ma tikkompetix lil din il-Qorti, imma lil Qorti tat-Tieni Istanza;**

**Illi, fil-kuntest ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, joħroġ ukoll li l-preġudizzju li jġarrab l-imħarrek ritrattat Bartolo huwa ta' għamla tali li ma jistax jitneħħa jekk mhux bit-tħassir tal-att. Dan jingħad għaliex jekk l-azzjoni titħalla għaddejja, l-Qorti m'hijiex sejra tkun f'qagħda li tagħmel ħaġ'oħra għajr li tħassar sentenza li għaddiet f'ġudikat u ma tista' tqis xejn iżjed. Dan imur għal kollox kontra l-prinċipji ta' ordni pubbliku li ġew imfissrin dettaljatament iżjed 'il fuq;**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:**

---

[22] Ara App. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454)** u s-sentenzi hemm imsemmija

Tiċħad it-tieni eċċezzjoni **tal-imħarrek ritrattat Ivan Bartolo, billi mhix mistħoqqa fid-dritt;**

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni **tal-istess ritrattat, u tiddikjara li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex għaliex huwa nieqes minn talba meħtieġa skond l-artikolu 156 (1) tal-Kap 12; u**

Teħles **lill-imħarrek ritrattat Ivan Bartolo milli jibqa' iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-atturi ritrattandi.**

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------